IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 11**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 3 ta' Ġunju 2015 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi-Ċerpersin |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B10**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B10 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B10*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B10** *Punti li joħorġu mill-Minuti B10*

2.01 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li r-resident reġa ilmenta li l-*wires* tad-dawl għadhom imwaħħla mal-gallarija tiegħu. Huwa qal li l-informazzjoni mgħottija lil Kunsill mill-Korporazzjoni Enemalta kienet skoretta għaliex l-*wires* kienu għadhom ma tneħħewx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-ilment reġa ġie mgħoddi lil Korporazzjoni Enemalta. *Wires tad-dawl fi Triq Patri Tumas Xerri.*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

## 3.00 Komunikazzjoni mill-membri

3.01 Is-Sna Marthese Cortis qalet li irċeviet diversi ilmenti dwar l-għeluq ta' toroq fil-Baħrija u l-madwar. Hija saħqet dwar in-nuqqas ta' aċċess għal Baħrija, peress li hemm erbgħa toroq magħluqa f'daqqa.

Aċċess u għeluq ta' toroq fil-Baħrija u l-madwar.

Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li saret komunikazzjoni ma' 'Transport Malta', peress li dawn ix-xogħolijiet qed isiru min din l-entita', fejn ġejna nfumati li meta ser ikun possibli l-aċċess ser jinfetaħ f'ċertu toroq.

3.02 Is-Sur Paul Galea saqsa għaliex l-bozza li twaħħlet ġewwa Wied Rini kienet għadha ma xelgħetx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li sabiex tinxtgħel din il-bozza l-Kumitat irid iħallas is-somma ta' €860.00, peress li kien hemm distanza ta' aktar min 150 metru għall-eqreb *supply*. Pers li l-Kumitat kien ser jidħol għal spisa addizzjonali gie decizz li din l-bozza titwaħħal f'post aktar qrib tas-*supply*.

Applikazzjonijiet ta' bozoz.

Iċ-Ċerpersin u l-Viċi Ċerpersin offrew li jiltaqaw l-uffiċċini tal-Kunsill sabiex jaħdmu fuq l-applikazzjonijiet ta' bozoz li għadhom pendenti.

3.03 Is-Sur Anglu Portelli nforma l-laqgħa li 'Transport Malta' kienet qed tagħmel xogħlijiet ta' twittieħ ta' konkos fil-Wied tal-Marġa. Hu saħaq li bix-xogħolijiet li qed issiru kien ser jonqos il-fond tal-wied, bil-konsegwenza li meta tagħmel xi maltempata l-wied ifur u ssir ħafna ħsara.

Konkos fil-Wied tal-Marġa

Is-Segretarju Eżekuttiv informat l-laqgħa li kienet ikkommunikat ma' 'Transport Malta' fejn il-perit inkarigata mill-proġett infurmata li dawn ix-xogħolijiet qed issiru minn fondi ewropej. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tagħmel kuntatt ukoll mal-*Paying Agency* sabiex jiġi identifikat min kien għamel tali l-applikazzjoni għal dan l-proġett.

## 4.00 Korrispondenza

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li daħlu żewġ talbiet sabiex issir manutenzjoni fuq żewġ bankini, waħda fi Triq Dun Saverin Bianco u l-oħra fi Triq Dun Saverin Bianco k/m Triq is-Sajf ta' San Martin.

Bankina fi Triq Dun Severin Bianco u oħra fl-istess triq k/m Triq is-Sajf ta' San Martin

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat l-istimi tal-Perit għal dawn ix-xogħolijiet, liema stimi jammontaw €622 għal bankina ta' Triq Dun Saverin Bianco u €419 għal bankina ta' Triq Dun Saverin Bainco k/m Triq is-Sajf ta' San Martin.

Wara diskussjoni li saret, il-Kumitat qabel unanimament li minħabba l-qagħda finanzjarja li jinsab fiha l-Kumitat dawn iż-żewġ talbiet ma jiġux aċċetti.

## 5.00 Materji Oħra

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-offerta għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija), kien ġie aġġudikat u ingħata lill-offerent *Premier Cleaning Ltd.* Hija qalet li x-xogħolijiet ta' qtugħ tal-ħaxix ser jinbeda fil-jiem li ġejjien.

L-offerta għall-qtugħ ta' ħaxix u tindif tat-toroq mhux urbani (Baħrija)

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 8 ta' Lulju 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**